MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 331/2013

D**.G. Limited**

**Vs**

**Sandringham Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn talbet lis-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hdax-il elf mitejn u sebgha u disghin Ewro (EUR11,297) rapprezentanti hlas ta’ materjal u servizzi resi lilhom mis-socjeta’ rikorrenti in konnessjoni ma’ xoghol ta’ aluminium li gia gie kkonsenjat u nstallat lilhom.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta’ kawtelatorju li ser jigi mressaq ma’ dan ir-rikors, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.

Rat li fis-seduta tad-19 ta’ Frar, 2014 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-5 ta’ Marzu, 2014, is-socjeta’ konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, ghalkemm debitament notifikata, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta’ attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-socjeta’ attrici s-somma ta’ hdax-il elf mitejn u sebgha u disghin Euro (€11,297) bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta’ kawtelatorju li gie mressaq ma dan ir-rikors, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------